**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**

**-vs-**

**Joseph Axisa detentur ta' karta tal-identita bin-numru 39063M**

**Kumpilazzjoni Nru. 540/11**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Axisa u ċioè talli:

1. Nhar it-18 ta' April 2011 bejn l-erbgħa u nofs ta' filgħaxija u l-ħamsa ta' fil-ghaxija ġewwa l-Mosta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe għamel ħsara strutturali fuq il-fond 11, Triq il-Fenici, Mosta, liema ħsara teċċedi l-valur ta' €1,164.69 elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu, u liema ħsara saret għad-dannu ta' Maria Axisa u jew persuni oħra u dan ai termini tal-artikolu 325 (1) a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkometti delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittanta li jikkaguna feriti gravi, fuq il-persuni ta' Pc1082 Ronnie Marmara u PC86 Grima liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaga aċċidentali jew indipendenti mill-volonta tal-imputat u dan ai terminu tal-artikoli 41, 214, u 216 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u aktar tard ġewwa l-Għassa tal-Mosta attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew ħebb, b'xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS935, PC1082, PC578, u PC86 persuni inkarigati skont il-liġi minn

servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi min awtorità kompetenti u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u aktar tard ġewwa l-Għassa tal-Mosta ingurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe fuq il-persuni ta' kontra PS935, PC1082, PC578, u PC86, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaguna lil martu Maria Axisa u lil uliedu Jeanelle Axisa u Maxine Axisa biżgħa li se tintuza vjolenza kontrihom, jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 u dan ai terminu tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet Malta.

6. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura li ġġib numru ABP682 ta' għamla Komitsu b'mod perikoluż, traskurat u negliġenti u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a), (2), (3) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet Malta.

7. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-artikolu 338 dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Talli wkoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-ligi, iżda biss biex jeżerċita jedd li pretendejt li għandu, ġegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd biex iħallas dejn, jew esegwa obligazzjoni, kienet x' kienet, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b' xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan ai termini tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' sejbien ta' htija l-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-hati minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur ai termini tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-hati ghall-hlas, lir-registartur, ta' l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u cioe' tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP682.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Novembru, 2012.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat li l-imputat fis-seduta tas-7 t'April, 2016, ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat-

Illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kienx hemm sewqan perikoluz izda kienet biss il-mod li haddem il-*jib* tal-crane li kien wiehed traskurat u negliegenti, u ghalhekk gie kjarifikat li l-akkuzi fit-tmien imputazzjoni fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali, kienu biss alternattivi u sewqan perikoluz *per se*, ma rrizultax.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-fedina penali kwazi nadifa ta' l-imputat u il-fatt illi piena karceraja effettiva f'dana l-kaz ma hijiex idonja billi l-imputat, li ma jidhirx li ghandu xi karattru refrattarju, ghandu jinghata opportunita ohra sabiex jaghraf l-izball li ghamel u ma jergax ixellef difrejgh mal-gustizzja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 85, 95(1), 96(a), 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b), 221(1), 222(1)(c), 251, 325(1)(a), 338(bb), (dd), 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient ijiem millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elf mitejn u disa u sittin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€1,269.71).

Il-Qorti tordna l-konfiksa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP 682 esebita in atti bhala Ezebit C.[1]

Fl-ahhar nett u biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, Maria Axisa ulieda Jeanelle u Maxine Axisa, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Fol.20